TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/119/12/S

Mary Rose Rosso
Vs
Frans Camilleri

Illum 25 ta'Jannar,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Mary Rose Rossoipprezentata fis-16 ta'Mejju,2012 filwaqt li l-konvenut Frans Camilleri la pprezenta risposta u lanqas ressaq provi;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-attrici u t-trattazzjoni maghmula fis-seduta tad-29 ta'Novembru,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda hlas ta' depozitu mill-attrici lill-konvenut biex dan tal-ahhar jahdmilha tlitt bibien ta' gewwa li baqghu ma tlestux;

Illi skont l-attrici, it-tlitt bibieb interni gew ordnati f'Settembru,2010 u dawn ghadhom ma gewx ikkonsenjati mill-konvenut lill-attrici;

Illi mix-xhieda mismugha u mill-provi prodotti, jirrizulta li n-nuqqas kien daparti tal-konvenut u fil-fatt l-istess konvenut f'ebda hin ma kkontesta dak allegat mill-attrici;

Illi fil-fatt il-konvenut ma ressaq ebda prova biex ixxejjen dak allegat mill-attrici;

Illi l-attrici informat lil dan it-Tribunal li hija kienet qed titlob is-somma ta' €814 rapprezentanti d-depozitu minnha mhallas lill-konvenut;

Illi dan it-tip ta' atteggjament versu konsumatur hu deplorevoli;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Mary Rose Rosso u Jordna lill-konvenut Frans Camilleri biex ihallas lill-attrici Mary Rose Rosso is-somma ta' €814 bl-interessi ta' 8 fil-mija jiddekorru mill-1 t'Ottubru,2010 sad-data tal-hlas effettiv, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu unikament mill-konvenut Frans Camilleri.

Richard Sladden Av.
Arbitru